

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.10062— SDK/Freja Transport&Logistics)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2020/C 415/14)

1. Fit-23 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- SDK A/S ("SDK", id-Danimarka), parti mill-grupp A/S United Shipping & Trading Company ("USTC") u finalment ikkontrollata miċ-ċittadini Daniżi Torben Østergaard Nielsen, Mia Østergaard Nielsen, u Nina Østergaard Borris;
- Freja Transport & Logistics Holding A/S ("FTL", id-Danimarka), li hija proprjetà ta' JJH Invest ApS u AH Skive ApS u finalment ikkontrollata miċ-ċittadin Daniż Jørgen Jørgensen Hansen.

SDK takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' FTL. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- SDK: tbaħħir, loġistika, kiri u servizzi oħra lill-industrija tal-kruċieri fl-Ewropa ta' Fuq inklużi servizzi ta' burdnara, aġenzija tal-port, ikklierjar doganali, kiri kummerċjali, servizzi ta' spedizzjoni tal-merkanzija bit-triq u bil-baħar u sa ċertu punt bl-ajru;
- FTL: l-ispedizzjoni domestika u transfruntiera tal-merkanzija bl-art u sa ċertu punt bl-ajru u bil-baħar.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jbagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10062— SDK/Freja Transport & Logistics

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles / Brussel  
BELGIQUE / BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.